MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Numru 604/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Wayne Catania**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Catania ta' 23 sena, iben Dimitrius u Mary Grace nee` Cini, imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta' Awwissu 1990, residenti 80, Virgilio, Triq Zimelli, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 412790(M):

Akkuzat talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, gewwa San Antonio Hotel sitwata fi Triq it-Turisti f'San Pawl il-Bahar:

1) Nhar l-24 ta' Gunju 2014, ghall-habta tad-9.00 a.m. minn gewwa San Antonio Hotel f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Jon-Paul Godfrey Debattista, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz, bi ksur tal-Artikolu 261(b), (c), (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Nhar is-27 ta' Gunju 2014, ghall-habta tas-6.00 p.m. minn gewwa San Antonio Hotel f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammonta ghal €170 ghad-dannu ta' Ms. Christine Midwinter, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-mezz, bi ksur tal-Artikolu 261(b) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Nhar id-29 ta' Gunju 2014, ghall-habta tan-12.30 p.m., minn gewwa San Antonio Hotel f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammonta ghal €150, kif ukoll telefon cellular Samsung Galaxy ghad-dannu ta' Paul Ernest Collender, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-valur u bil-mezz, bi ksur tal-Artikolu 261(b), (c), (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Nhar is-27 ta' Gunju 2014, ghall-habta tas-6.00 p.m. minn gewwa San Antonio Hotel f'San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammonta ghal €170 ghad-dannu ta' Christine Midwinter, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-mezz bi ksur tal-Artikolu 261(b) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) U kif ukoll talli nhar id-29 ta' Gunju 2014, fil-hinijiet ta' filghodu minn gewwa San

Antonio Hotel f'San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jisraq minn gewwa l-kamra numru 272-274, wera dan b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta` tieghu, delitt li kien ser isir ghad-detriment tas-Sinjuri Goodey u dan bi ksur tal-Artikoli 284, 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) U aktar talli fl-istess data, lok u hin kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

L-imputat huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wiegeb ukoll illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva. Fir-rigward tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni, madankollu, il-Qorti tinnota li dawn huma ezattament identici u ghaldaqstant qed timponi piena wahda fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u illi huwa mill-ewwel ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll min-naha l-ohra, in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif ukoll il-fedina penali tieghu li tinkludi *inter alia* sejbien ta' htija dwar serq aggravat u frodi, pussess semplici u pussess aggravat ta' droga eroina, dwar liema l-imputat inghata minn Ordni ta' *Probation* u liberazzjoni kundizzjonata sa zewg pieni ta' prigunerija effettiva, apparti pieni pekunjarji dwar reati ohrajn.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-sens illi l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u li ghaldaqstant huwa jehtieg l-ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu minn dan il-vizzju. Qieset ukoll illi in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz ukoll l-eta` tal-imputat, il-partijiet issuggerrew illi din il-Qorti timponi piena karcerarja effettiva fil-minimu, liema piena ghandha tippermetti perjodu ta' rijabilitazzjoni ghall-istess imputat. Il-Qorti qeghda tilqa's-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet u qeghda timponi piena karcerarja fil-minimu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b),(c) u (d), 263, 267, 268, 278(1)(2)(3), 280, 284, 285 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva, b'dan illi fir-rigward tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni qed tinfliggi piena wahda u tikkundannah ghal **piena ta' dsatax-il xahar prigunerija effettiva**, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien

li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li qed jinstab hati taghhom permezz ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm fi hdan wahda mill-Agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------